**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (46)



L-aħwa Toni u Karmenu Camilleri jippożaw għar-ritratt fuq id-dgħajsa tagħhom wara li daħlu fit-tieni post fl-1952

Fil-ħajja, xi kultant tiltaqa' ma' persuni li ma tkunx qed tistenna li tiltaqa' magħhom. Kultant tkun okkażjoni unika u ma tkunx ippreparat għaliha!

Hekk kien ġrali jien, meta f'nofs is-snin 70 kont għaddej bil-karozza mill-Menqa, u meta tajt ħarsa lejn il-Club tar-Regatta tal-Marsa (dak iż-żmien kien fejn illum hemm il-Lohombus) b'kumbinazzjoni rajt lil Toni Camilleri (il-Kukla) ħiereġ mil-Laundry tiegħu li kellu tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-club tar-Regatta.

Lil Toni, bħal ħafna qaddiefa oħra ta' żmienu, kont nafu u li mhux l-ewwel darba, matul ir-riċerka tiegħi dwar din id-drawwa antika kellimtu dwar it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra u warajha, b'mod speċjali dwar is-sehem tiegħu f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali.

Minkejja li kien Kalkariż u qadef għal lokalitá tiegħu fis-snin 60, huwa qadef ukoll mal-Marsa u rebaħ xi paljjiet. Għajjatlu u wrejtu li xtaqt inkellmu! Ovvjament ma kontx ippreparat, iżda kif kont imdorri nagħmel f'ċirkostanzi simili, għedtlu xi xtaqt mingħandu, għamiltlu tliet mistoqsijiet u meta wasalt id-dar ħadt nota tagħhom. Xi punti li tkellimt miegħu fuqhom se ngħaddihom lilkom f'forma ta' intervista. Niftakar l-ewwel mistoqsija tiegħi kienet xi kemm kien ilu jaqdef:

"Lanqas niftakar eżatt, iżda naħseb li kelli 24/25 sena. Bdejt qabel il-gwerra mal-Kalkara fil-Frejgatini ... jidhirli li kien fl-1937 …sieħbi kien Ċikku Farrugia li kienu jsibuh bħal In-Newla u tmunier kellna lil ċertu Leli Grima li kienu jsibuh bħala l-Felu. – għandi ritratt tal-Frejgatina.

"Wara l-gwerra, forsi wkoll minħabba n-negozju tal-Laundry li kelli hawn il-Menqa, xi dilettanti Marsin kienu talbuni biex naqdef magħhom ... aċċettajt u jien u ħija Karmnu konna armajna dgħajsa ta' Bi Tnejn - niftakar kienet dgħajsa miżbugħa sewda u fuqha konna niktbu bl-abjad Two Brothers – għandi ritratt tad-dgħajsa.

"Dan kien fil-bidu tas-snin 50, meta din il-korsa kienet iddominata minn Toni Ellul (il-Koj) li kien jaqdef f'isem Raħal Ġdid u Toni Farrugia ż-Żbiba tal-Isla li t-tnejn kienu ħbieb tiegħi.

"Il-pika tagħna kienet tkun waqt it-tiġrija biss – konna nissieltu bl-aħrax biex nirbħu l-palju, il-kumplament matul is-sena konna niltaqgħu kuljum u naħsbu f'xulxin fuq il-lant tax-xogħol. Il-barklori tal-Isla li kienu jieħdu sehem fir-Regatta kollha kienu ħbieb tiegħi u meta kont ninżel il-Ponta għal xi qadja, kollha kienu jduru miegħi u jifirħu bija, anke wara t-tiġrija … rari kien jinqala' l-inkwiet fost il-qaddiefa, għax kollha kienu jafu li r-Regatta tiġi darba fis-sena, u l-għaqda u l-ftehim fosthom fuq il-lant tax-xogħol kien meħtieġ is-sena kollha."

*Fejn kontu titħarrġu bid-dgħajjes bħala preparazzjoni għar-Regatta?*

"Bħala barklori aħna ma kellniex bżonn ta' ħafna taħriġ, għax kif taf, konna naħdmu bid-dgħajsa s-sena kollha minn sbieħ il-jum sa tard filgħaxija.

"Normalment meta konna narmaw dgħajsa u jkollok membru jew tnejn ġodda, konna niftehmu fi x'ħin niltaqgħu l-Menqa, u nibdew naqdfu kuljum sakemm nidraw lil xulxin.

"Min-nofs Awwissu sa lejlet il-Vitorja konna nieħdu t-triq darbtejn kuljum bejn is-sitta u t-tmienja ta' fil-għaxija u nirrekordjaw il-ħin kull darba.

"Fil-provi konna niltaqgħu il-qaddiefa tad-distretti kollha u qatt ma nqala' nkwiet bejnietna, iżda dejjem nirrekordjaw il-ħinijiet tal-avversarji tagħna biex naraw x'ċans ikollna fir-Regatta, għalkemm l-aqwa prova dejjem kienet fit-tiġrija, u dejjem kien jiddependi fuq il-polza li jkollok u l-irjieħ waqt it-tiġrija."

*Ton int irbaħt ix-Shield mal-Marsa u kellek ix-xorti li dan l-unur irbaħtu ma' ibnek Twanny … x'kienet tfisser din il-rebħa għalik ... u meta rtirat mill-qdif?*

"Kienet rebħa kbira għalija u għall-Marsa – konna rbaħna l-Aggregate Shield, l-akbar unur tar-Regatta għall-ewwel darba kontra l-ġganti ta' dak iż-żmien.

"Fuq l-istess dgħajsa, miegħi, kien hemm ukoll ibni Twanny, Toni Ellul (il-Koj) u ibnu Freddie. Kif taf, il-qaddiefa tal-Marsa fir-Regatta kisbu bosta suċċessi, iżda li tirbaħ ix-Shield meta kontra tiegħek għandek lill-Isla u lill-Kalkara – iż-żewġ distretti li ddominaw l-ewwel għoxrin sena ta' tiġrijiet wara l-gwerra hija storja kbira.

Fil-club tagħna għandna diversi ritratti ta' din ir-rebħa kbira … jien illum m'għandniex naqdef minħabba saħħti … kont irtirajt fuq parir tat-tabib u kont diġá qbiżt il-50 sena - l-etá li normalment il-barklori qaddiefa jirtiraw mir-Regatta - waħdiet li jdumu aktar … posti ħaduh Twanny u Ġelardu (id-Dajdu) u rebħu l-paljijiet għal Marsa."

********

Wieħed mill-qaddiefa li ismu baqa' sinonimu mas-suċċessi kbar li d-distrett tal-Kalkara kiseb fir-Regatta Nazzjonali bla dubju ta' xejn huwa Ġużeppi Bezzina (Xaffel).

Ġużeppi kien ħabib kbir tiegħi, u kull meta konna niltaqgħu kliemu dejjem kien jaqa' fuq ir-Regatta u s-suċċessi kbar li dan id-distrett żgħir kisbet fis-snin 60. Darba għamiltlu dawn it-tliet mistoqsijiet u t-tweġibiet tiegħu se ngħaddihom lilkom:

*X'taf tgħidli dwar il-Kalkara fit-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra:*

"Ma tantx nista' nitkellem dwar il-Kalkara qabel il-gwerra għax kont għadni żgħir u ftit li xejn niftakar, iżda jien dejjem nismagħhom jgħidu li qabel il-gwerra l-Kalkara ġieli ħadet sehem fir-Regatta fil-Ferilli, f'ta' bi Tnejn (żmien Wistin Grogan) u fil-Kajjikki t-Twal (San Ġużepp) ... jekk f'dawn it-tiġrijiet il-Kalkara kisbet suċċess, ir-rekords juruna, li s-snin sittin kienu s-snin tad-deheb għal dan id-distrett, li ħdejn il-ġganti ta' din it-tradizzjoni antika għadu tarbija."

*Tista' t għidli x'suċċessi kisbet il-Kalkara fis-snin 60 ....u x'taħseb dwar il-qagħda preżenti tal-club tagħkom?*

"Min hu dilettant ta' dawn it-tiġrijiet jiftakar tajjeb li bejn 1963 u l-1965 l-ekwipaġġi Kalkariżi rebħu x-Shield tliet darbiet konsekuttivi u ddominaw il-korsi ta' bi Tnejn u ta' bl-Erbgħa ... imbagħad fl-1969 reġgħu rebħu x-Shield għas-sitt darba fl-istorja tagħha, u fiha mhux biss rebħu erba' korsi minn ħamsa, iżda kissru erba' rekords tal-ħinijiet.

"Sentejn wara, fl-1971 erġajna rbaħna x-Shield. Dak iż-żmien it-taħriġ konna neħduh bis-serjetá ... konna nitħarrġu kuljum u nieħdu t-triq minn taħt iż-Żiemel sal-Kalkara ... ħadd minna ma kien iġib xi skuża biex jiskarta t-taħriġ li konna nibdewh wara l-festa ta' San Lawrenz.

"Nassigurak li kien ikun tagħriġ iebes ħafna. Illum il-club tagħna għandu ħafna problemi, mħux biss ta' qaddiefa iżda wkoll finanzjarji."

*Kemm hi kbira l-problema tal-qaddiefa fid-distrett tagħkom?*

"Kbira daqs ta' distretti oħra, biżżejjed ngħidlek li ħafna mit-tfal li bdew magħna u b'sagrifiċċju kbir għallimnihom jaqdfu, mal-ewwel li ġiehom telquna u marru ma' distretti oħra ... minħabba hekk il-Kalkara ħadet daqqa lura, u tilfet il-potenżjal li kellha.

"Naħseb wasal iż-żmien li kull Kumitat tar-Regatta jibda jirreġistra lill-qaddiefa tiegħu għal numru ta' snin ... jien jiddispjaċini nara lill-Kalkara u distretti oħra li fl-imgħoddi kienu kburin bis-suċċessi li kisbu f'dawn it-tiġrijiet, u llum qegħdin f'qagħda li lanqas isibu qaddiefa biżżejjed biex jarmaw sett opri għat-tiġrija kollha."

*Semmejna s-snin tad-deheb tal-Kalkara ... tiftakar xi ismijiet tal-qaddiefa li ddominaw dawn it-tiġrijiet fis-snin 60?*

"Niftakar xi wħud minnhom għax qdift magħhom fosthom Pawlu Grima (il-Felu), Leli u ħuh Karmenu Mallia ( Slajvita), Joseph Xuereb (Tar-Roti), Lorry Busuttil (il-Bomber), Ġorġ Pulis (il-Lamajs), Toni Ellul (il-Koj), Indri d'Amato (Sapuna), Joe Scicluna, Mario Azzopardi (is-Sufu), Toni Cassar (il-Waj Waj), Toni Camilleri (il-Kukla) u ħafna oħrajn li xi nsejt x'jisimhom ..."